**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

P8_TA(2015)0052

# Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2013

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2013 (2014/2157(INI))

(2016/C 316/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2013,

— wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 284(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 126 u 132(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0011/2015),

A. billi, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-PDG fiż-żona tal-euro niżel b'0,4 % fl-2013 wara tnaqqis ta' 0,7 % fl-2012, u billi s-servizzi tal-Kummissjoni qed jistennew irkupru, b'żieda fil-PDG ta' 1,2 % fl-2014 u ta' 1,7 % fl-2015; billi, skont it-tbassir tal-ħarifa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-projezzjonijiet ta' tkabbir riveduti juru tendenza negattiva, bil-PDG mistenni jkun żdied biss b'0,8 % fl-2014 u b'1,1 % fl-2015, b'riskji prevalenti ta' telf;

B. billi, skont it-tbassir tal-ħarifa, il-qgħad fiż-żona tal-euro żdied minn 11,3 % fl-aħħar tal-2012 għal 11,9 % fl-aħħar tal-2013, u jibqa' f'livell għoli fl-2014;

C. billi hemm differenzi kbar bejn ir-rati tal-qgħad fi Stati Membri differenti, b'ċifri li jvarjaw bejn 5 % u 26 %; billi f'xi Stati Membri, ir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ huma tant għoljin li jlaħħqu madwar 50 %; billi d-differenzi fir-rati tal-qgħad qed jikkawżaw aktar diverġenza ekonomika fost l-Istati Membri;

D. billi s-suċċess tal-programm Tranżazzjoni Monetarja Definittiva (OMT) fit-tnaqqis fir-rati tal-imgħax fuq is-self m'għandux jintuża mill-Istati Membri bħala opportunità biex jevitaw riformi strutturali għat-titjib tal-potenzjal tat-tkabbir u l-ilħuq tas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju; billi x-xejriet fil-qasam tal-impjiegi u t-tnaqqis fil-faqar huma f'riskju li ma jilħqux il-miri nazzjonali ta' Ewropa 2020;

E. billi fl-2013 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) baxxa r-rati ewlenin tal-imgħax tiegħu f'Mejju u għal darb'oħra f'Novembru, filwaqt illi naqqas ir-rata fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament għal 0,25 %; billi, wara l-miżuri addizzjonali tal-politika monetarja mħabbra sa mill-bidu tal-2014, ir-rata ewlenija ta' rifinanzjament issa hija ta' 0,05 % u r-rata tal-faċilità ta' depożitu hija ta' - 0,20 %;

F. billi rati tal-imgħax reali aktar imnaqqsa ma rriżultawx f'żieda fil-kreditu għall-unitajiet domestiċi u n-negozji, u lanqas fi tkabbir tal-PDG u l-ħolqien tal-impjiegi;

G. billi d-dikjarazzjoni finanzjarja kkonsolidata tal-Eurosistema laħqet EUR 2,285 triljun fl-aħħar tal-2013, ammont li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 25 % matul l-2013;

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

H. billi l-assi mhux negozjabbli rrappreżentaw l-ikbar komponent ta' assi miġjuba bħala kollateral għall-Eurosistema matul l-2013, u ammontaw għal madwar 25 % tat-total; billi t-titoli mhux negozjabbli, flimkien ma' titoli appoġġjati mill-assi, jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-assi totali miġjuba bħala kollateral;

I. billi, skont it-tbassir tal-ħarifa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, ir-rata medja tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro kienet ta' 1,4 % fl-2013, li niżlet mir-rata ta' 2,5 % fl-2012; billi l-inflazzjoni fiż-żona euro baqgħet fit-triq tan-niżla mill-bidu tal-2014 'l hawn, b'livell stmat ta' 0,5 % fl-2014, u laħqet rata baxxa ta' 0,3 % f'Settembru; billi r-rata tal-inflazzjoni ġenerali tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) f'xi Stati Membri, naqset għal 0 % u inqas f'Settembru 2014 u se tibqa' inqas mill-mira fl-2015;

J. billi l-prezzijiet baxxi tal-enerġija, b'mod partikolari taż-żejt, kienu fost il-kontributuri ewlenin għat-tnaqqis fir-rati tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro;

K. billi l-livell ta' investiment pubbliku u privat fiż-żona tal-euro ilu għal xi żmien jistaġna f'livelli ferm aktar baxxi minn dawk irreġistrati qabel il-bidu tal-kriżi; billi saret ħaġa komuni li l-kumpaniji l-kbar jużaw l-ambjent ta' flus irħas mhux biex jagħmlu investimenti ġodda, imma biex jerġgħu jixtru t-titoli tagħhom stess kif jaqbel lilhom; billi s-sehem relattiv tal-investiment bħala proporzjon tal-PDG kien qed jonqos b'mod stabbli anki qabel il-kriżi u kien jeħtieġlu jingħata spinta bħala kwistjoni ta' urġenza;

L. billi r-rata ta' tkabbir annwali tal-M3 kompliet tonqos, minn 3,5 % f'Diċembru 2012 għal 1 % f'Diċembru 2013;

M. billi l-kreditu lis-settur privat kompla f'xejra negattiva, b'rata annwali ta' tibdil ta' - 2,3 % f'Diċembru 2013, meta mqabbla ma' - 0,7 % f'Diċembru 2012; billi n-nuqqas ta' kreditu li jaffettwa lill-SMEs f'xi Stati Membri huwa wieħed mill-problemi ewlenin li qed jikkawżaw dewmien fl-irkupru ekonomiku; billi kien hemm tnaqqis fis-self lill-SMEs ta' madwar 35 % bejn l-2008 u l-2013; billi huwa essenzjali li jiġi ffaċilitat il-fluss ta' kreditu għall-SMEs, peress li dawn jimpjegaw 72 % tal-forza tax-xogħol taż-żona tal-euro u għandhom rati gross ogħla ta' ħolqien ta' impjiegi minn kumpaniji kbar;

N. billi l-frammentazzjoni finanzjarja għadha problema ewlenija, bl-SMEs iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż tas-self ferm ogħla, b'mod partikolari fil-pajjiżi taż-żona tal-euro li diġà huma affettwati minn kundizzjonijiet ekonomiċi gravi, u billi dan qed jikkawża tgħawwiġ fis-suq uniku, ixekkel l-irkupru u jżid d-diverġenzi bejn il-pajjiżi; billi r-riżultati tal-valutazzjoni komprensiva tal-banek Ewropej għandu jkollhom impatt pożittiv fuq il-politiki monetarji attwali u r-rieda tal-banek li jżidu l-attivitajiet ta' self tagħhom, b'mod partikolari lill-ekonomija reali;

O. billi d-daqs tal-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema naqset b'mod regolari matul l-2013, li jirrifletti r-rimborż tal-fondi ta' operazzjoni ta' rifinanzjament fuq żmien itwal (LTRO) mill-banek;

P. billi f'Lulju 2013 il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ddeċieda li jipprovdi gwida bil-quddiem, u ddikjara li kien qed jistenna li r-rati ewlenin tal-imgħax jibqgħu fil-livelli prevalenti jew f'livelli aktar baxxi għal perjodu ta' żmien estiż;

Q. billi l-effetti ta' "quantitative easing" possibbli fiż-żona tal-euro x'aktarx jiddgħajfu bl-intermedjazzjoni kreditizja eċċessiva fis-settur bankarju;

R. billi l-Artikolu 282 tat-TFUE jiddikjara li l-objettiv primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) huwa li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet; billi l-Artikolu 127 tat-TFUE jiddikjara li, mingħajr preġudizzju għal dan l-objettiv primarju, is-SEBĊ għandha tappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni; billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-BĊE jipprojbixxu li l-banek ċentrali jew il-BĊE jixtru direttament strumenti tad-dejn maħruġa mill-UE jew minn awtoritajiet jew korpi pubbliċi nazzjonali; billi dan huwa indispensabbli għal bosta Stati Membri biex jaċċedu għall-unjoni ekonomika u monetarja; billi tali xiri huwa permess fis-swieq sekondarji;

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

***Il-politika monetarja***

1. Jilqa' r-reazzjoni rapida tal-BĊE quddiem ambjent diffiċli ħafna, u l-fatt li l-politika monetarja kienet immirata biex tnaqqas il-livell tal-istress fis-swieq finanzjarji fi ħdan iż-żona tal-euro, u biex terġa' tqajjem il-fiduċja tal-investituri fil-munita unika; jilqa' d-disponibbiltà tal-BĊE li jagħmel kull ma hemm bżonn biex isalva l-euro; jinnota t-tnaqqis ġenerali pożittiv fir-renditi nazzjonali fuq perjodu twil – notevolment fil-pajjiżi bl-iżjed dejn fiż-żona tal-euro – għal livelli mingħajr preċedent mindu bdiet il-kriżi; jenfasizza li r-renditi baxxi ma rriżultawx fil-ħolqien ta' impjiegi u t-tkabbir u li n-nuqqas ta' dawn jhedded l-istabbiltà finanzjarja;

2. Jinnota li r-rikors għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq perjodu medju u twil b'allokazzjoni sħiħa b'rati fissi, il-faċilità ta' self marġinali, l-assistenza ta' likwidità f'emerġenza (ELA) u l-faċilità ta' depożitu, ilkoll baqgħu f'livelli partikolarment għolja matul l-2013, u dan huwa sinjal ta' indeboliment kontinwu tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni monetarja u tas-suq tas-self interbankarju taż-żona tal-euro, għalkemm ġie osservat titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni meta mqabbel mas-snin ta' qabel, kif jidher mill-istabbilizzazzjoni tal-firxiet, in-normalizzazzjoni gradwali fis-swieq interbankarji u t-tnaqqis fl-iżbilanċi ta' Target II;

3. Huwa mħeġġeġ mill-istabilizzazzjoni tal-livelli tal-iżbilanċi ta' Target II matul l-2013; jenfasizza li s-sistema ta' saldu Target II kellha rwol importanti biex tissalvagwardja l-integrità tas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro;

4. Jibqa' ferm imħasseb dwar il-fatt li l-attività ekonomika baqgħet kajmana, bi tkabbir negattiv fil-PDG fl-2013 fiż-żona tal-euro għat-tieni sena konsekuttiva, bi tkabbir dgħajjef tal-PDG matul l-ewwel disa' xhur tal-2014, u b'rati ta' qgħad għolja f'ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro, li wasslu għal livelli li qed jheddu l-istabbiltà taż-żona tal-euro u jimminaw l-appoġġ popolari u politiku tal-proġett Ewropew;

5. Jenfasizza t-tħassib tiegħu rigward it-tnaqqis kontinwu fir-rata tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro mill-2011 'l hawn, b'differenzjali fl-inflazzjoni bejn l-Istati Membri; jenfasizza d-diskrepanza sinifikanti osservata bħalissa bejn il-mira espliċita tal-BĊE li jżomm ir-rati tal-inflazzjoni taħt imma qrib it-2 % fuq perjodu medju u r-rati tal-inflazzjoni attwali, li huma qrib iż-żero u saħansitra taħt iż-żero f'bosta Stati Membri taż-żona tal-euro; jinsab imħasseb dwar il-fatt li, kif ġie rikonoxxut mill-President tal-BĊE, it-tendenzi attwali tad-deflazzjoni jistgħu jwasslu sabiex l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni fuq perjodu medju u twil ma jibqgħux ankrati;

6. Jirrikonoxxi li l-proċess li għaddej ta' aġġustament tal-karta tal-bilanċ fis-setturi finanzjarji u mhux finanzjarji, flimkien mar-rati għoljin tal-qgħad, komplew itappnu l-attività ekonomika fiż-żona tal-euro fl-2013;

7. Qed josserva bir-reqqa r-riskji possibbli tad-deflazzjoni; ifakkar li rata tal-inflazzjoni qrib iż-żero fiż-żona tal-euro tfixkel l-effikaċja tal-politika monetarja; jifhem li l-BĊE iqis li inflazzjoni baxxa ħafna hija r-riżultat ta' effetti fuq perjodu qasir, u jittama li l-objettiv fuq perjodu medju se jintlaħaq mingħajr fażi ta' deflazzjoni; jinnota madankollu li l-previżjonijiet tal-inflazzjoni għall-2015 u l-2016 ġew riveduti aktar 'l isfel (b'bejn 0,1 % u 0,2 %) mill-BĊE;

8. Jirrimarka li l-livell ta' inflazzjoni taħt il-mira previst għas-snin li ġejjin se jkollu impatt fuq il-programmi ta' tnaqqis tad-djun ta' bosta Stati Membri;

9. Jirrimarka li fil-perspettiva ta' politiki akkomodattivi oħrajn bħall-"quantitative easing" u b'kunsiderazzjoni għall-isfidi ġuridiċi attwali b'rabta mal-programm tal-OMT, huwa kruċjali li jkun hemm ċarezza u ċertezza ġuridika biex dawn l-istrumenti jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effikaċi, b'kont meħud tal-opinjoni tal-Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Pedro Cruz Villalón, tal-14 ta' Jannar 2015 fil-kawża C-62/14;

10. Jenfasizza li l-livelli baxxi tas-self għall-Istati Membri qed jimxu id f'id maż-żieda fid-djun pubbliċi, qrib jew ogħla minn 100 % tal-PDG f'ħafna każijiet, u jwissi li kriżi ġdida tista' twassal għal evalwazzjoni mill-ġdid tar-riskju mis-swieq finanzjarji;

11. Jindika li t-tbassir tal-BĊE ppubblikat fl-2013 ma kienx antiċipa l-okkorrenza simultanja li qed naraw illum ta' nuqqas ta' tkabbir u ta' inflazzjoni baxxa ħafna, u saħansitra sinjali ta' deflazzjoni; jirrimarka f'dan l-isfond li t-tbassir attwali ta' tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u inflazzjoni ogħla fl-2015 u l-2016 għandhom jinqraw b'attenzjoni;

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

12. Jemmen li karti tal-bilanċ dgħajfin mhux biss jolqtu lill-banek, iżda għandhom ukoll effett negattiv indirett fuq in-negozji u atturi oħra tas-settur privat, billi n-nuqqas ta' kapital u finanzjament irażżan l-abbiltà tan-negozji li jibqgħu kompetittivi, jikbru u fl-aħħar mill-aħħar iżommu u joħolqu l-impjiegi;

13. Jikkunsidra li huwa tal-akbar importanza li jinħolqu kundizzjonijiet għall-irkupru fl-investiment fiż-żona tal-euro, kemm pubbliċi kif ukoll privati, b'kont meħud tal-fatt li minkejja li l-BĊE qed iwettaq l-azzjonijiet tiegħu sabiex jinżammu kundizzjonijiet favorevoli ta' finanzjament, għad ma kienx hemm qawmien fl-investiment; jistieden lill-Istati Membri f'dan il-kuntest, biex jaħdmu fuq il-kawżi sottostanti tal-frammentazzjoni finanzjarja bħal strutturi tar-riskju diverġenti li jżidu l-ispiża tas-self fil-pajjiżi rispettivi; jitlob ukoll lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi strutturali adegwati sabiex jerġgħu jistabbilixxu ambjent favorevoli għan-negozju, u b'mod partikolari billi jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

14. Iħeġġeġ lill-BĊE jikkunsidra fil-politika tal-espansjoni tal-karta tal-bilanċ tiegħu x-xiri ta' bonds tal-proġetti tal-BEI, li jiffinanzjaw uħud mill-investimenti l-aktar produttivi fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari minn fost dawk il-proġetti magħżula mill-Kummissjoni li wara l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji jitqiesu li għandhom valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari l-proġetti tat-TEN-T fil-qasam tal-enerġija u t-trasport u proġetti relatati mas-suq diġitali uniku;

15. Jinnota li l-President Draghi, fid-diskors tiegħu fis-simpożju annwali tal-bank ċentrali f'Jackson Hole fit-22 ta' Awwissu 2014, qal li neħtieġu azzjoni miż-żewġ naħat tal-ekonomija, filwaqt li nnota li: il-politiki tad-domanda aggregata jridu jiġu akkumpanjati minn riformi u politiki strutturali nazzjonali; min-naħa tad-domanda, il-politika monetarja tista' u għandu jkollha rwol ċentrali, li attwalment ifisser politika monetarja akkomodattiva għal perjodu estiż; hemm lok sabiex il-politika fiskali jkollha rwol ikbar flimkien mal-politika monetarja, filwaqt li titqies is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku; u li, filwaqt li qed tinħass il-ħtieġa għal investiment pubbliku li jwassal għal aktar investiment privat u jiffaċilita r-riformi strutturali, jeħtieġ li jkun hemm enfasi wkoll fuq miżuri ta' politika fiskali adegwati;

16. Jaqbel mal-President Draghi li l-flessibbiltà eżistenti fi ħdan ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tista' tintuża biex jiġi indirizzat aħjar l-irkupru dgħajjef u biex jinħoloq spazju għall-ispiża tar-riformi strutturali meħtieġa;

17. Jaqbel mal-President Draghi li jeżisti marġni ta' manuvra biex tintlaħaq kompożizzjoni aktar favorevoli għat-tkabbir tal-politiki fiskali u biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa b'mod newtrali għall-baġit;

18. Jaqbel mal-President Draghi li jidher li azzjoni kumplementari fil-livell tal-UE tista' tkun meħtieġa biex tiżgura pożizzjoni aggregata xierqa kif ukoll programm ta' investiment pubbliku kbir;

19. Jinnota li flimkien mat-tnaqqis fir-rati ewlenin tal-imgħax tiegħu u ż-żieda fl-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tiegħu, il-BĊE adotta strumenti innovattivi bħal operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament fuq perjodu itwal (TLTROs) u strateġiji ġodda ta' komunikazzjoni bħall-gwida bil-quddiem;

20. Iqis li l-mekkaniżmu ta' trażmissjoni mhux qed jiffunzjona sew, u li l-għodod tal-politika monetarja użati mill-BĊE mindu bdiet il-kriżi, filwaqt li jipprovdu għajnuna pożittiva fi swieq finanzjarji f'diffikultà, waħedhom ma jistgħux ikunu effikaċi biex jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni finanzjarja, jistimulaw it-tkabbir jew itejbu s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol; jinkoraġġixxi lill-BĊE jiżgura li l-politiki tiegħu jkunu adattati aħjar għall-ekonomija reali, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs;

21. Huwa tal-opinjoni li, minħabba li l-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tal-politika monetarja għandu ħsara serja, l-impatti pożittivi ta' deċiżjonijiet biex jitbaxxew ir-rati ewlenin tal-imgħax tal-BĊE huma limitati; jirrimarka f'dan ir-rigward li rati tal-imgħax baxxi ħafna fuq perjodu twil iwasslu għal tgħawwiġ fis-settur tan-negozju u jistgħu jaffettwaw ħażin it-tfaddil u l-iskemi tal-pensjoni privati;

22. Jilqa' l-miżuri mħabbra mill-BĊE f'Ġunju 2014 immirati lejn it-titjib fil-funzjonament tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tal-politika monetarja; jinnota li t-TLTRO jintroduċi, għall-ewwel darba, rabta bejn is-self lis-settur privat mhux finanzjarju mogħti mill-banek u l-ammont ta' rifinanzjament li l-banek jistgħu jitolbu; jittama li r-riżultati fl-Analiżi tal-Kwalità tal-Assi (AQR) se jsaħħu l-użu tat-TLTRO mill-banek Ewropej, u għaldaqstant jiġi promoss it-trasferiment tal-likwidità lill-ekonomija reali;

23. Jinnota li l-BĊE ħabbar li se jixtri titoli garantiti b'assi (ABS) u bonds koperti sabiex iqawwi l-impatt tat-TLTROs fuq it-tħaffif tal-kreditu; jenfasizza li dawn l-interventi fis-suq tal-ABS għandhom ikunu sinifikanti biżżejjed biex ikollhom effett fuq ir-rati tas-self għall-SMEs u jnaqqsu l-frammentazzjoni, u għandhom jitwettqu b'mod trasparenti li ma joħloqx riskji eċċessivi għall-karta tal-bilanċ tal-BĊE;

24. Jenfasizza t-tħassib tiegħu rigward il-frammentazzjoni konsiderevoli tal-kundizzjonijiet tas-self għall-SMEs fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro, kif ukoll id-diskrepanza eżistenti bejn ir-rati ta' finanzjament mogħtija lill-SMEs u dawk mogħtija lill-kumpaniji ikbar; jinsisti li dawn il-problemi li ilhom jeżistu mhumiex indirizzati b'mod adegwat mill-miżuri reċenti mħabbra mill-BĊE biex jagħtu spinta lis-self bankarju, u li l-BĊE għandu jistudja l-fatturi sottostanti li jostakolaw l-aċċess tal-SMEs għall-kreditu; jistieden lill-BĊE jinvestiga jekk din id-diskrepanza hijiex marbuta mal-konċentrazzjoni fis-settur bankarju;

25. Jenfasizza li, bil-miżuri mħabbra f'Ġunju u f'Settembru 2014, il-karta tal-bilanċ tal-BĊE mistennija terġa' lura għad-daqs li kellha fil-bidu tal-2012; jinnota li din iż-żieda proġettata tirrikjedi viġilanza qawwija mill-BĊE fir-rigward tar-riskji ta' kreditu li fl-aħħar mill-aħħar iġġorr;

26. Huwa tal-opinjoni li l-ammont kumplessiv ta' sussidji impliċiti pprovduti sa issa għandu jiġi rkuprat b'mod gradwali għall-benefiċċju tal-kontribwenti tat-taxxa ladarba jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekonomiċi normali;

27. Jinnota l-fatt li l-BĊE ripetutament iddikjara r-rieda tiegħu li juża strumenti mhux konvenzjonali addizzjonali fil-mandat tiegħu, u li jbiddel id-daqs jew il-kompożizzjoni tal-interventi tiegħu, fil-każ ta' perjodu eċċessivament twil ta' inflazzjoni baxxa; jibqa' lest juża miżuri mhux konvenzjonali addizzjonali, iżda jenfasizza li dawn il-miżuri mhumiex se jkunu biżżejjed mingħajr it-taħlita tajba ta' politika fiskali, investimenti u riformi strutturali;

28. Jenfasizza li l-impatt fuq l-ekonomija reali tal-miżuri ta' politika monetarja mhux konvenzjonali attwalment fis-seħħ m'għandux ikun stmat iżżejjed; jenfasizza li dawn il-miżuri huma ta' natura tranżitorja u li għandhom l-għan jagħtu ċans lill-Istati Membri jikkonsolidaw is-sitwazzjoni fiskali tagħhom u jimplimentaw ir-riformi strutturali meħtieġa sabiex jiġu stimolati t-tkabbir ekonomiku u t-titjib fis-suq tax-xogħol;

29. Jinnota li t-twettiq ta' politiki monetarji mhux standard għal perjodu ta' żmien estiż jista' jiggrava t-tgħawwiġ fis-suq tal-kapital; jitlob lill-BĊE jikseb il-bilanċ ġust bejn ir-riskju li jirriżulta jekk jabbanduna b'mod prematur il-politika monetarja akkomodattiva tiegħu u r-riskji u l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tgħawwiġ li dawn il-politiki jista' jkollhom; jitlob għaldaqstant lill-BĊE jikkalibra l-politiki mhux standard biex jillimita tali tgħawwiġ;

30. Ifakkar li l-politika monetarja waħedha ma tistax tistimola d-domanda aggregata sakemm ma tkunx akkumpanjata minn riformi strutturali u fiskali u politiki adegwati fil-livell nazzjonali;

31. Jenfasizza li, kif jidher mill-esperjenza fis-snin ta' qabel il-kriżi, rati stabbli tal-inflazzjoni, f'konformità mal-objettiv dwar ir-rata ta' perjodu medju definit mill-BĊE, jistgħu jkunu assoċjati ma' dinamika mhux sostenibbli ta' dejn privat, b'mod li jissottolinja l-importanza tal-ġestjoni ta' bżieżaq tal-assi u t-tkabbir tal-kreditu anke meta tkun garantita l-istabbiltà fil-prezzijiet;

32. Ifakkar li l-indipendenza tal-BĊE fit-twettiq tal-politika monetarja tiegħu, kif minquxa fit-Trattati, hija kruċjali għall-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà fil-prezzijiet, jiġifieri li l-inflazzjoni tibqa' qrib iżda inqas mil-livell ta' 2 %; ifakkar li l-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali kollha għandhom jibqgħu lura milli jitolbu lill-BĊE jieħu azzjonijiet;

33. Ifakkar li l-membri kollha tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE huma impenjati li jżommu mad-deċiżjonijiet meħuda, li għandhom jibqgħu kunfidenzjali sakemm ma jkunx ġie deċiż li jsiru pubbliċi;

34. Jistieden lill-BĊE biex iżomm lura fir-rwol tiegħu fit-Trojka sabiex isaħħaħ l-indipendenza tiegħu minn deċiżjonijiet politiċi;

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

35. Ifakkar li skont l-Artikolu 127 tat-TFUE, il-BĊE, mingħajr preġudizzju għall-objettiv ewlieni tiegħu, għandu jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni, kif iddikjarat ulterjorment fl-Artikolu 282 tat-TFUE; jenfasizza f'dan ir-rigward, l-importanza tad-djalogu monetarju;

36. Jenfasizza li separazzjoni ċara bejn il-politika monetarja u fiskali timplika li l-awtorità monetarja m'għandhiex tipprovdi sussidji lill-istituzzjonijiet li jibbenefikaw mill-għoti ta' likwidità, billi tali għoti ta' sussidju jikkostitwixxi politika fiskali;

37. Jiddeplora l-fatt li l-BĊE qabeż il-mandat tiegħu bbażat fuq it-Trattat, kif jidher fl-ittri mibgħuta mill-President preċedenti tal-BĊE lill-gvern Spanjol, Taljan u Irlandiż;

38. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pass 'il quddiem li għamel il-BĊE meta ddeċieda li jippubblika l-minuti fil-qosor tal-laqgħat tiegħu, u jilqa l-bidu ta' din il-prattika f'Jannar 2015; jilqa' l-fatt li għal din it-talba, li għamel il-Parlament fir-rapporti annwali kollha tiegħu dwar il-BĊE, ittieħdet azzjoni mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE;

39. Jemmen li l-banek ċentrali mad-dinja kollha għandhom jaħdmu b'mod attiv biex jevitaw kwalunkwe politika li tista' tiġġenera effetti konsegwenzjali negattivi fuq l-oħrajn; jirrimarka li xi banek ċentrali jistiednu banek ċentrali oħrajn jaċċettaw effetti konsegwenzjali negattivi potenzjali ta' politiki monetarji ferm wara li jkunu implimentaw b'mod unilaterali l-politiki tagħhom stess;

40. Jemmen li l-informazzjoni reċenti li feġġet tenfasizza l-importanza li fil-futur l-ELA tintuża b'mod prudenti; jenfasizza li ma jistax jiġi aċċettat li għal darb'oħra, settur bankarju ta' Stat Membru jiddejjen għal perċentwal sostanzjali tal-PDG tiegħu b'dan il-mod;

41. Iħeġġeġ lill-BĊE jissokta jtejjeb il-politika tiegħu dwar il-ġeneru fin-nomini tiegħu sabiex jelimina d-diskrepanza attwali; jilqa' b'sodisfazzjon in-nomina ta' Danièle Nouy biex tmexxi s-sorveljanza tas-settur Bankarju Ewropew, b'mod partikolari fid-dawl tal-merti għolja u l-kurrikulu tal-karriera b'saħħtu li għandha;

42. Jemmen li enfasi akbar fuq it-tkabbir u l-investiment pubbliku (bħall-pakkett ta' investiment ta' EUR 300 biljun propost mill-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker) tista' isservi biex tikkumplimenta l-isforzi ta' politika tal-BĊE biex iżid l-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa;

***L-istabbiltà finanzjarja***

43. Jilqa' l-fatt li l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), l-ewwel pilastru tal-Unjoni Bankarja, beda jaħdem kompletament fl-4 ta' Novembru 2014; jinnota li dan il-pass ewlieni fl-integrazzjoni finanzjarja Ewropea sar bis-saħħa tal-fatt li l-ħidma preparatorja, inkluża l-AQR, tlestiet b'suċċess; jirringrazzja lill-BĊE talli uża l-kredibilità tiegħu biex jappoġġja s-Sistema Bankarja Ewropea; jenfasizza li l-funzjonijiet regolatorji u tal-politika monetarja tal-BĊE m'għandhomx jitħalltu flimkien;

44. Jinnota li l-AQR u t-test tal-istress imwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) b'kooperazzjoni mal-MSU kixfu l-fraġilitajiet li għad fadal fis-Sistema Bankarja Ewropea; jittama li r-riżultati kkunsidraw b'mod adegwat ir-riskji kollha, sabiex tiġi evitata l-"Ġappunifikazzjoni" tal-qasam bankarju Ewropew u l-validità kontinwa ta' self li qatt ma jista' jitħallas lura;

45. Iqis li l-BĊE għandu responsabbiltà ewlenija li jiżgura li r-rikapitalizzazzjonijiet futuri tal-banek isiru permezz tal-iskema ta' rikapitalizzazzjoni interna, meta l-aċċess għas-swieq ikun diffiċli jew impossibbli;

46. Jistieden lill-BĊE jiżgura delimitazzjoni totali fil-prattiki ta' kuljum tiegħu bejn il-politika monetarja u r-rwol tiegħu bħala kontrollur bankarju;

47. Jenfasizza li l-MSU għandu l-għan jiżgura l-fiduċja fis-settur bankarju taż-żona tal-euro, u għaldaqstant l-istabbiltà finanzjarja; ifakkar li r-responsabbiltà demokratika tal-MSU l-ġdid quddiem il-Parlament Ewropew hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tar-reġim superviżorju l-ġdid; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-ftehim interistituzzjonali ta' Novembru 2013 bejn il-Parlament u l-BĊE dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika fuq l-MSU, u tal-implimentazzjoni sħiħa tiegħu;

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015**

48. Jappoġġja l-idea li sabiex ir-rikapitalizzazzjoni interna tkun aktar kredibbli u effettiva, il-leġiżlazzjoni Ewropea għandha timxi 'l quddiem sabiex tissepara l-attivitajiet ta' investiment aktar riskjużi mis-sistema bankarja tradizzjonali;

49. Huwa tal-opinjoni li t-testijiet tal-istress l-aktar reċenti juru biċ-ċar il-limiti tal-isfond interistituzzjonali attwali billi fit-testijiet tal-istress ma nħasibx għal xenarju ta' deflazzjoni minkejja l-fatt li dawn ir-riskji ta' deflazzjoni huma reali;

50. Jinnota li, minkejja profitabbiltà relattivament baxxa, il-banek fiż-żona tal-euro komplew isaħħu l-pożizzjonijiet tal-kapital tagħhom permezz ta' taħlita ta' żidiet fil-kapital u tnaqqis fl-assi mwieżna għar-riskju kif ukoll appoġġ pubbliku; jirrikonoxxi li f'bosta każijiet iż-żidiet fil-kapital twettqu fil-kuntest ta' programmi ta' għajnuna finanzjarja mill-Istati Membri;

51. Jinsab imħasseb dwar id-dipendenza li ħafna banek fiż-żona tal-euro għad għandhom fuq il-finanzjament tal-bank ċentrali; iqis li l-ħolqien ta' Unjoni tas-Suq Kapitali rregolata tajjeb huwa essenzjali, sabiex titnaqqas id-dipendenza eċċessiva tal-ekonomiji taż-żona tal-euro fuq is-sistema bankarja;

52. Jirrimarka li l-konsolidazzjoni ta' governanza tajba fil-banek issaħħaħ il-fiduċja fis-settur bankarju, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-istabbiltà finanzjarja;

53. Jirrimarka li l-attività fuq it-titoli tal-gvern tkompli tkun sors ewlieni ta' profitti għall-banek fiż-żona tal-euro, għalkemm il-kreditu lis-settur privat mhux finanzjarju jibqa' kajman; iqis li l-ħidma teknika u leġiżlattiva dwar ir-riskji marbuta mad-dejn sovran għandha tiġi aċċelerata; jistieden lill-BĊE jwissi lil dawk il-banek li jibqgħu jżidu s-sjieda tagħhom ta' bonds tal-gvern filwaqt li jnaqqsu l-kreditu lis-settur privat;

54. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni dwar ir-riforma strutturali bankarja; jirrimarka li diġà ġew introdotti riformi simili f'bosta Stati Membri; jistieden lill-BĊE jikkollabora mal-istituzzjonijiet rilevanti l-oħra għal riforma strutturali sostenibbli fil-livell Ewropew li ttemm is-sussidji lill-attivitajiet tan-negozju ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar u toħloq kundizzjonijiet ekwi għas-servizzi finanzjarji;

55. Ifakkar li l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM), it-tieni pilastru tal-Unjoni Bankarja, se jidħol fis-seħħ sal-bidu tal-2015; jenfasizza l-ħtieġa li jibqa' jiġi żviluppat it-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja;

o

o o

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew.